MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 574/2013

**Kunsill Lokali San Gwann**

**vs**

**Agius Joseph**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Kunsill attur talab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elfejn, hames mija u disgha u hamsin ewro, erbgha u tmenin centezmu (€2,559.84c) rapprezentanti onorarja mehuda zejda mill-konvenut fiz-zmien li kien jokkupa l-kariga ta’ Sindku tal-Kunsill attur, liema somma l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas lill-Kunsill permezz ta’ skrittura privata datata 16 ta’ Jannar, 2013 izda baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-kovenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013 li permezz tieghu l-konsulent legali tal-konvenut iddikjara li t-talba tal-Kunsill attur kienet qed tigi ammessa.

Ra n-nota tal-Kunsill attur datata 2 ta' Dicembru, 2013 li permezz taghha l-istess Kunsill irriduca t-talba ghas-somma ta' tmien mija u tlettax-il ewro, tmienja u erbghin centezmu (€813.48c).

Ra n-nota tal-Kunsill attur datata 7 ta' Marzu, 2014 li permezz taghha ceda s-sorte, izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra li l-verbali tad-diversi seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal, li kienu intizi sabiex it-Tribunal jinghata informazzjoni dwar jekk thallsux l-ispejjez tal-kawza, u konsegwentement l-istess kawza tigi ceduta.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu l-konsulent legali tal-Kunsill attur informa lit-Tribunal illi l-ispejjez tal-kawza baqghu ma thallsux mill-konvenut, u dan minkejja li nghataw diversi differimenti ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-konvenut ma kkontestax din l-azzjoni, anzi l-konsulent legali tal-istess konvenut informa lit-Tribunal li t-talba kienet ammessa; illi f'din l-ewwel udjenza quddiem it-Tribunal gie mwettaq hlas mill-konvenut lill-Kunsill attur akkont tal-ammont pretiz mill-istess Kunsill; illi permezz ta' nota ta' riduzzjoni li giet pprezentata mill-Kunsill attur, il-Kunsill attur naqqas it-talba tieghu, stante hlas akkont mwettaq mill-konvenut; illi sussegwentement giet pprezentata nota ohra li permezz taghha l-istess Kunsill ceda s-sorte, stante illi l-konvenut wettaq il-hlas tal-ammont kollu dovut minnu. Ra illi kien fadal biss pendenti l-ispejjez tal-kawza, u minkejja illi l-konvenut inghata zmien sabiex iwettaq il-hlas ta' dawn l-ispejjez, naqas milli jwettaq tali hlas.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tal-Kunsill attur, jordna lill-konvenut li jhallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------